# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 2421/00 GCD**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**Vs**

**John Cilia u martu Anna Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn mitejn u tmienja u tletin lira (Lm2,238) rapprezentanti import ta' 25 kambjali, 24 ta' Lm90-il wahda u l-ohra ta' Lm78, debitament accettati, skaduti minn Gunju 1996 sa Gunju 1998 u mhux imhallsa;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;  u

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm2,238 hu cert, likwidu u esigibli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma;

Talbet illi l-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);  u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' Lm2,238 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Ottubru 2000 jammonta ghal Lm652 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

Cm